MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2008

Appell Civili Numru. 16/2007

**Mekkanika Limited**

**vs**

**Direttur tad-Dipartiment tal-Kuntratti,
Heritage Malta**

**Il-Qorti,**

Fil-5 ta’ Frar, 2007, l-Arbitri fic-Centru Malti ta’ l-Arbitragg ippronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-vertenza bejn il-partijiet hi s-segwenti u tohrog mill-arbitration agreement iffirmat mill-partijiet ghalkemm ma jidhirx datat.
>
> <u>Article 1 tal-Arbitration Agreement ighid hekk:</u>
>
> *The parties agree that works were completed with a delay of 208 weeks. The matter which the*

*parties are referring for final determination by arbitration are:*

*1. whether any additional payment is due to Mekkanika for delay, disruption and contract overrun in excess of Lm16,580.50 to Lm48,094.40 or a lesser sum to be quantified in the arbitration award; and*

*2. whether Mekkanika Limtied is liable for the penalty for delay of Lm4,900 or for any other sum.*

Il-partijiet jispjegaw fl-imsemmi ftehim illi Mekkanika qed titlob is-somma ta' Lm48,094.40 ghal delay, disruption u contract overrun u mhux qed jaccettaw li huma b'xi mod kontributuri ghal dan id-delay, disruption u contract overrun. Ghalhekk jichdu kull penali li l-intimati qed jirriklamaw.

L-intimati qed jammettu li huma responsabbli ghal delay, disruption u contract overrun sas-somma ta' Lm16,580.50 minn liema ammont irid jitnaqqas il-penali ta' seba' gimghat bil-Lm100 kuljum, cioe Lm4,900 liema penali hi l-konsegwenza tan-nuqqasijiet ta' Mekkanika Limited.

<u>Article 3</u> iistipula il-parametri tal-poteri tal-arbitri, liema poteri jestendu biss sat-terms of reference u l-award irid isir biss a bazi tal-ligi.

Il-partijiet ressqu l-provi taghhom u ghamlu sottomissjonijiet bil-miktub u issa l-arbitri qed jiddeciedu kif gej.

**Provi**

Fid-29 ta' Frar 1996, id-Dipartiment tal-Kuntratti accetta t-tender tar-rikorrenti biex dawn jaghmlu xoghlijiet ta' airconditioning u electrical systems fl-Ipogew ta' Hal Saflieni. Il-klijent dak iz-zmien kien id-dipartiment tal-Muzewijiet, illum Heritage Malta,

li kien qed jagixxi bi qbil u awtorizzazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Il-kuntrattur, cioe Mekkanika Limited, ghamlet tender ghax-xoghlijiet fuq imsemmija u giet accettata, bil-kondizzjonijiet hemm imnizzla u mfissra.

L-inkwiet kollu insorga ghax il-kuntratt originali kellu durata ta' 22 gimgha, cioe kellu jkun lest sat-3 ta' Lulju 1996, pero dan ittawwal bi 208 gimghat ohra sal-20 ta' Lulju 2000. Apparti x-xoghol miftiehem saru 67 variation orders.

Hu pacifiku bejn il-partijiet illi r-rikorrenti thallsu tax-xoghol kollu li sar u dan fuq il-prezzijiet miftehma. Pero s-socjeta rikorrenti qed titlob hlas addizjonali, ossia kumpens, minhabba li qed tallega li d-dewmien kien kollu htija tal-intimati u ghalhekk ma ghandhiex tbati l-konsegwenzi finanzjarji ghal dan id-dewmien.

Saru sottomissjonijiet fl-ahhar tal-arbitragg mill-partijiet dwar il-forma ta' kumpens li r-rikorrenti qed jitolbu. L-esponenti jissottomettu illi diskussjoni dwar terminologija uzata hi teoretika f'dan l-arbitragg ghas-semplici raguni, illi l-vertenza bejn il-partijiet dejjem kienet cara u dwar dan wiehed ghandu biss ihares lejn il-pretensjoni dettaljata ta’ Mekkanika li saret fis-27 ta’ Ottubru 2000 ta’ l-Ingineer Scicluna li kien il-konsulent appuntat mill-klijent, cioe Heritage Malta, u li analizza l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ghall-hlas addizjonali u ghamel rapport dwarhom u wkoll wasal biex accetta li ammont ta' kumpens addizzjonali ghad-dewmien hu dovut izda mhux fl-ammont pretiz izda f'ammont anqas.

Il-parametri tal-arbitragg huma cari u jrrigwardaw il-gustifikazzjoni o meno tal-ammont dovut lil Mekkanika skond dak li talbet hi sa mis-sena 2000. Ma hemmx kontestazzjoni ta' responsabilta hlief li skond l-intimati, l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti ghal dak li qed tallega kien il-

konsegwenza finanzjarja sofferta ghad-dewmien, hu esagerat u inoltre l-intimati qed jitolbu hlas ta' penali skond il-ftehim ta' appalt peress li jikkontendu li s-socjeta rikorrenti kkontribwiet ghal tali dewmien fl-esekuzzjoni tal-kuntratt. Ma jistghux l-intimati, kif issottomettew fil-kontro replika taghhom, illi ma hu dovut ebda hlas addizjonali ghax il-kuntratt ma jistipulahx u illi kull ammont offert minnhom hu biss hlas ex gratia. Dan ma jirrizulta minn ebda dokument esebit mill-intimati u lanqas jirrizulta mill-istess termini tal-arbitragg. Il-partijiet qablu, u dan a prescindere mill-kuntratt ta' appalt, illi dewmien kien hemm, u illi ghal dan id-dewmien kien jahti l-intimat fil-maggor parti, u illi inoltre r-rikorrenti kien dovut kumpens skond it-talbiet tieghu stess maghmula b'mod dettaljat fid-dokumenti esebiti sa qabel ma beda l-arbitragg. L-uniku nuqqas ta' ftehim kien il-quantum u mhux ir-responsabilta.

Stabbilit dan wiehed irid jezamina n-natura tad-dewmien u kemm minn dan id-dewmien kien dovut ghar-rikorrenti u/jew l-intimati.

Ir-rikorrenti ghamlu erba' talbiet ghall-kumpens, cioe estenjoni ta’ zmien ghat-twettieq tal-kuntratt minhabba d-dewmien; zieda fil-labour cost konsegwenza tad-dewmien; interruzzjonijiet u kondizzjonijiet mhux ekonomici ta' xoghol; spejjes zejda minhabba estensjoni tal-garanzija bankarja u spejjes zejda minhabba ET1.

It-tielet u r-raba' talba tas-socjeta rikorrenti ammontanti ghal Lm6,068.65 u Lm952 rispettivament, b'kollox Lm7,020.65, gew milqugha pjenament mill-Ingineer Scicluna, konsulent tal-intimati pero laqa' biss in parti l-ewwel zewg talbiet tar-rikorrenti wara li kkonkluda li l-istess socjeta rikorrenti kienet responsabbli ghal ghoxrin fil-mija tad-dewmien.

ll-kompitu tal-arbitri fl-ewwel lok hu li jiddertermina jekk u kemm is-socjeta rikorrenti kienu responsabbli ghad-dewmien. Is-socjeta rikorrenti ssostni li d-dewmien kien kollu dovut ghal-nuqqasijiet tal-intimati u senjatament is-sospensjoni tax-xoghlijiet minhabba l-istainless steel walkways u handrails liema interruzzjoni nfirxet minn Gunju 1996 sa Awissu 1999; sors permanenti ta' elettriku sabiex jigi ppruvat sew il-makkinarju liema sors permanenti ta' elettriku nghata f'Marzu 1998; numru kbir (67) ta' variation orders, hamsa u hamsin (55) minnhom infatti nghataw wara li kien ghadda l-perjodu kontrattwali ghat-twettiq tal-kuntratt; dewmien f'certu xoghol ta' bini da parti tal-klijent. Ir-rikorrenti jissostanzjaw dawn l-interruzzjonijiet kif jirrizulta mill-affidavits ta' Oliver Degiorgio, Managing Director u Patrick Carey, Building Services Manager ta' Mekkanika Limited.

Huma s-socjetajiet intimati li qed isostnu li kien hemm dewmien dovut ghas-socjeta rikorrenti u li allura ghandha tirrispondi ghalih f'zewg aspetti, l-ewwel fl-apporzjonament tar-responsabilta u kwindi kumpens dovut u t-tieni fit-tnaqqis mill-ammont dovut ta' dik is-somma in linea ta' penali skond il-kuntratt bejn il-partijiet.

Dawn il-provi jridu jingiebu b'mod posittiv mill-intimati. L-intimati jistriehu esklussivament fuq ir-rapport tal-Ingineer Scicluna, li ma kienx ikun prezenti fuq is-sit b'mod kontinwu anzi jinghad li ftit kien ikun prezenti u allura fatti bhal min kien ikun prezenti fuq is-sit 'at all times' ma jistax jixhed dwaru. L-esponenti jinnotaw li l-project manager, Dr M Bonello, li suppost kien il-katina bejn il-kuntrattur u l-klijent ma ttellax jixhed.

Ir-rapport tal-Ingineer Scicluna, u kif irrizulta ampjament mill-kontro ezami li saru, ma ghamilx konkluzjoni bazata fuq ragunijiet u fatti pruvati izda ghamel kalkolu approssimattiv u arbitrarju. Hu

wasal ghall-konkluzjoni dwar l-ghoxrin fil-mija responsabilta tas-socjeta rikorrenti minhabba dewmien tal-istess socjeta kkawzat minhabba diskussjonijiet ma’ terzi, sottomissjonijiet, bargaining, dizapprovazzjonijiet, nuqqas ta' qbil ecc. (ara pagna 2 tal-affidavit tieghu). Izid ukoll f'pagna 4 illi "*gieli ma kienx hemm prezenza ta' haddiema sufficjenti biex seta' jsir ix-xoghol. Gieli Mekkanika gabu/ipproponew equipment li ma kienx adegwat u ghalhekk ma setax jigi approvat u b'hekk kien ikun hemm aktar dewmien.*" Pero l-istess inginier ma jikkwota jew isemmi ebda episodju tangibbli ta' dawn l-allegazzjonijiet. Arbitrarjament hu qabad kalkolu fittizju ta' kemm kellu jiehu zmien il-progett bil-variations u attribwixxa ghoxin fil-mija tad-dewmien lir-rikorrenti. Anki dwar l-ammonti reklamati l-Inginier dehrlu li huma esagerati u arbitrio u boni viri accetta biss dawk l-ammonti li dehrlu hu u ggeneralizza fuq ammonti ohra billi bidilhom f'figura wahda tonda li dehrlu kien ekwu (ara pagna 5 tal-affidavit tieghu).

Ir-risposta fid-difiza ghall-istatement of claim imressqa mill-istess intimati wkoll ma tanalizzax l-ghoxrin fil-mija (20%) responsabilta ghad-dewmien kawzat allegatament mir-rikorrenti.

Hu minnu illi l-Inginier Scicluna fir-risposta bil-miktub tat-13 ta' Lulju 2001 lil Dr Bonello (wara t-talba maghmula mir-rikorrenti ghall-kumpens, Dok A mal-istatement of defence) jikkwota tlett istanzi ta' dewmien kawzati mill-kuntrattur. Dawn huma minuti tat-23 ta' April 1998, u dik tal-31 ta' Lulju 1997 li t-tnejn jittrattaw fuq il-full commissioning tal-power plant li jinkludu air conditioning u lista datata 6 ta' Novembru 1996, li l-arbitri ma sabuhiex fl-atti li suppost tinkludi lista ta' xoghlijiet mhux kompluti.

Ir-risposta tar-rikorrenti hi li ma setax isir full commissioning b'generator izda biss meta jkun

hemm sors permanenti ta' elettriku li gie stallat f'Marzu 1998. Rigward il-lista ta' affarijiet mhux kompluti r-rikorrenti jissottomettu li fis-6 ta' Novembru 1996 dak li ma kienx lest kienu l-handrails, commissioning of power plant u l-varjazzjonijiet liema tliet oggetti ma kienx hemm xi responsabilta tar-rikorrenti ghal dewmien.

L-esponenti jsibuha difficli jaghtu simpatija lill-intimati meta jissottomettu li s-sit kien jipprezenta diffikultajiet kbar minhabba n-natura u delikatezza tax-xoghlijiet. Dan kienu jafu bih minn qabel ma nbeda l-progett u zgur li kwistjoni ta' bolting mal-art tar-rails u kwalita ta' stainless steel kellhom jkunu mahsuba u identifikati hafna qabel ma nbeda l-progett nnifsu. Daqstant iehor hu difficli kif wiehed jista' jattribwixxi xi responsabilta lir-rikorrenti li ma kkomissjonawx l-impjant qabel ma kien hemm sors permanenti ta' elettriku. Kien ikun negligenza grossa da parti tar-rikorrenti kieku dawn ikkommissjonaw impjanti fuq sahha provduta minn generator, anki ghal dak li jirrigwarda garanzija fuq l-apparat ahseb u ara fuq affidabilita tal-impjant kommissjonat.

Hu minnu mill-banda 'l ohra kif jirrizulta mid-dokumenti AS8 u AS8A, cioe fax tal-Enemalta lill-Inginier Scicluna u ittra tal-project manager lil Mekkanika, datati 13 u 14 ta' Frar 1998, jidher li l-Enemalta pprova jaghti provvista permanenti ta' elettriku pero jidher li mill-5 ta' Frar 1998 il-kuntrattur kellu xi diffikultajiet minn naha tieghu li jlesti kollox biex din il-provvista tinghata, u kien hemm xi xoghlijiet li l-istess intimati kellhom ilestu minn naha taghhom ukoll.

Ma hemmx dubbju illi ma jistax jigi skartat li kien hemm okkazjonijiet tul l-erba' snin li dam biex jitlesta l-progett fejn is-socjeta rikorrenti setghet naqset mill-heffa jew l-entuzjazmu fil-progett. Pero jibqa' l-fatt li hi l-obbligazzjoni tas-socjetajiet intimati li jippruvaw id-dewmien jew nuqqas b'fatti

u provi cari u konkreti. Dawn ma ppruvawhom b'ebda mod u l-provi prodotti minnhom ma jistghux iwasslu lill-esponenti ghall-konvinciment morali li s-socjeta rikorrenti kienet responsabbli ghal xi dewmien inkors li seta' tefa' piz fuqhom. Anzi l-provi purtroppo juru li dan il-progett ma nghatax bizzejjed hsieb qabel inbeda biex ma jigux kreati l-komplikazzjonijiet inutili bhal tal-hand rails u variation orders li kibru sa terz tal-progett innifsu.

L-esponenti ghalhekk isibu illi fejn tidhol responsabilta is-socjeta rikorrenti ma ghandha tbati ebda konsegwenzi ghad-dewmien inkors u konsegwentement mhux responsabbli ghal ebda penali.

Jibqa' ghalhekk biex jigi diskuss l-quantum tal-kumpens dovut lis-socjeta rikorrenti. Irid jigi enfazizzat li kull kuntratt ghandu l-korollarju tieghu li jigi segwit in buona fede u illi ebda kreditur ma ghandu japprofitta ruhu mis-sitwazzjoni tad-debitur, anzi ghandu, fejn hu possibbli, jimminimizza d-danni.

Fl-analizi tal-provi sabiex jigi ddeterminat dan il-quantum, l-arbitri qabblu l-provi dettaljati dwar il-mezzi li gew impjegati mir-rikorrenti fuq dan il-progett, sia dawk ta' rizorsi umani, kif ukoll dawk mekkanici u logistici. Ir-rikorrenti pproducew provi sostanzjali inkluz 'data sheets' li jindikaw kif u meta gew allokati rizorsi tal-kumpanija fuq dan il-progett.

Kif diga gie espress mill-arbitri, fil-konfront ta' bejn dawn il-provi u l-analizi u konkluzjoni tal-Inginier Scicluna, ghalkemm gie apprezzat il-fatt illi l-imsemmi Inginier iddahhal fl-ahhar tal-progett sabiex jesprimi l-opinjoni tieghu, liema opinjoni hija kkonfortata mill-esperjenza tal-imsemmi Inginier, madankollu l-provi tar-rikorrenti kienu aktar konvincenti. L-arbitri pero ghandhom dina l-

osservazzjoni x'jaghmlu dwar it-talbiet tar-rikorrenti.

Fid-dokument MA1 esibit mir-rikorrenti, saret komputazzjoni tan-numru ta' 'man hours' illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu hlas taghhom. Mill-ammont globali ta’ 10439 sal-20 ta' Settembru 1999, tnaqqsu s-sighat allokati skond l-appalt, is-sighat sabiex jigi esegwiti l-'variations' ordnati mill-klijent u s-sighat sabiex jissewwew difetti fix-xoghol. Dana kollu l-arbitri jqisuh accettabbli. Dan ghaliex il-'variations' diga thallsu apparti, waqt illi kwalunkwe xoghol difettuz kellu jitranga a spejjes tal-appaltatur, cioe r-rikorrenti.

Dana jfisser pero illi l-komputazzjoni murija fit-tieni pagna ghandha tigi amendata bl-istess mod, ghaliex jekk ir-rizorsi tal-kumpanija gew impjegati matul il-prolungazzjoni tal-kuntratt oltre z-zmien pattwit, sabiex in parte jigu esegwiti 'variations' u jissewwew difetti fix-xoghol, kif ghadu kemm intqal, bl-istess mod dawk ir-rizorsi impjegati fuq dawn ix-xoghlijiet, ghall-istess ragunijiet, ghandhom jitnaqqsu wkoll. L-arbitri ma sabu ebda prova illi dana l-ezercizzju sar diga u ghalhekk qeghdin jaghmluh issa.

Gie kkalkolat illi s-sighat impjegati fuq 'variations' u rrangar ta' xoghol difettuz jikkostittwixxu 28% tal-ammont totali ta' 6814 'man hours', cioe kemm inhadmu 'man hours' sal-20 ta' Settembru 1999, imnaqqsa bl-ammont ta' 'man hours' tal-appalt.

Dana l-persentagg ghalhekk gie applikat fuq il-kalkoli tat-tieni pagna tad-Dok MA1, fejn hemm kontestazzjoni dwar is-somma mitluba, u taw dan ir-rizultat:

*Project Supervisor: 830.25 imnaqqsin b'28% jaghtu 590.58 sigha b 'rata ta' Lm5 is-sigha* *Lm 2,953*
*Engineering backup from head*

| | |
|---|---|
| *office: 208 gimghamnaqqsa b'28% jaghtu 149.76 gimgha b 'rata ta 'Lm50 kull gimgha.* | *Lm 7,488* |
| *Commercial buying: l-istess 149.76 gimgha b 'rata ta' Lm25 kull gimgh* | *Lm 3,744* |
| *Driver and truck: l-istess 149.76 gimgha b 'rata ta' Lm 15 kull gimgha* | *Lm 2,246.40* |
| ***Total*** | ***Lm 16.431.40*** |

Minbarra dan, l-arbitri ezaminaw id-dokumenti esibiti u ma jsibu l-ebda prova illi z-zmien sabiex jitranga x-xoghol difettuz ikkawza dewmien materjali tant illi r-rikorrenti jistghu jigu attribwiti b'xi parti mir-responsabbilta tad-dewmien.

Ghaldaqstant l-arbitri jaqtghu u jiddeciedu illi l-ammont addizzjonali dovut lis-socjeta rikorrenti oltre s-somma ta' Lm16,580.50 gia offert mill-intimati ghandu jkun ta' Lm16,431.40, u b'hekk is-socjeta rikorrenti ghandha tigi kumpensata fis-somma komplessiva ta' Lm33,011.90. Ma hi dovuta ebda penali mis-socjeta rikorrenti.

Din is-somma ghandha tithallas bl-imghax kummercjali skond il-ligi mis-27 ta' Ottubru 2000.

L-ispejjez ta' dan l-arbitragg ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal terz mis-socjeta rikorrenti u zewg terzi mis-socjetajiet intimati."

Fil-kontestazzjoni ta' din id-decizjoni arbitrali l-intimati jiddeducu aggravju limitatament fir-rigward ta' dik il-parti taghha fejn l-Arbitri nominati imponew il-hlas ta' l-imghax fuq is-somma kapitali likwidata. Huma jarginaw din l-obbjezzjoni taghhom fuq is-segwenti bazi duplici:-

(i) L-ewwelnett, l-imghax hekk akkordat ma kienx jifforma parti mit-talba li l-partijiet irrimettew lill-Arbitri;

(ii) Fit-tieni lok, il-ligi komuni ma kienetx tippermetti illi jinghata mghax fuq hlas ta' somma addizzjonali li kienet gja qed isservi bhala danni;

Kjarament, minn kif ifformulati l-ilmenti ta' l-appellanti dawn qed jitolbu, bl-istess rikors ta' l-appell taghhom, l-impunjattiva tas-sentenza arbitrali fit-termini ta' l-Artikolu 70 ta' l-Att II ta' l-1996 dwar l-Arbitragg u l-appellabilita` minnha fuq "punt ta' ligi" skond l-Artikolu 70A ta' l-istess Att;

Kemm fil-kaz wiehed u l-iehor, is-socjeta` appellata topponilhom in linea preliminari l-eccezzjoni tal-prezentata tardiva ta' l-appell ghall-motiv li dan ma sarx fit-terminu statutorju utli ta' hmistax-il gurnata, kif hekk preskritt mill-Artikoli 70 (2) u 70B (2) tal-Kapitolu 387. Dwar il-mertu ta' l-aggravji tissottometti illi, trattasi ta' obbligazzjoni ta' indoli kummercjali ma kienx mehtieg li jkun hemm talba specifika ghall-imghax. Agguntivament, illi l-appellanti ma ssodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 70A ta' l-Att u, f' kull kaz, la l-ligi u lanqas il-gurisprudenza ma kienu jeskludu l-imghax fil-kaz ta' talba ghad-danni;

Huwa, certament, fl-ordni logiku illi l-ewwel aspett li jokkorri jigi investit jirrigwarda l-eccezzjoni preliminari tat-tardivita` ta' l-appell sottoposta mis-socjeta` appellata;

Jinghad b' introduzzjoni illi hu principju generali konsakrat fid-duttrina procedurali u mill-gurisprudenza illi t-termini processwali ffissati mid-diversi ligijiet ghall-introduzzjoni ta' l-atti ghandhom karattru perentorju u, in kwantu tali, la jistghu jigu prorogati u lanqas sospizi jew interrotti, hlief fil-kazijiet eccezzjonalment prevvisti mil-ligi. Ad ezempju, Artikolu 108, Kapitolu 12 ghal kaz fejn il-gurnata ta' l-iskadenza tat-terminu tinzerta li tkun nhar ta' Sibt jew ta' Hadd jew xi gurnata festiva. Hekk jinghad fis-sentenza fl-ismijiet "**Caterina vedova Mallia Tabone -vs- Nobile Gio Carlo Mallia Tabone *et***", Appell Civili, 3 ta' Ottubru 1927 illi "*in materia di termini giudiziari perentoriamente fissati*

*dalla legge sotto pena di decadenza, quali sono quello entro cui è lecito presentare le scritture d' appello, la nullita puo essere rilevata e dichiarata dalla Corte, astrazion fatta da qualsiasi acquiescenza delle parti eccetto nei casi ove è stabilito il contrario, poiche si versa in tema di disposizioni procedurali, di ordine pubblico, che non è lecito ai contendenti di modificare o violare nemmeno di comune accordo*";

Ferma din l-introduzzjoni, is-socjeta` appellata tikkampa s-sottomissjoni taghha tal-prezentata *fuori termine* ta' l-appell ghal fatt illi l-appellanti gew notifikati bid-decizjoni ta' l-Arbitri bil-mezz postali fit-8 ta' Mejju 2007, ossija gurnata aktar tard mit-terminu utli ta' hmistax-il gurnata ghall-prezentata tieghu. Ma' dan l-appellanti ma jaqblux in vista ta' dak dispost fl-Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12. Huma jikkontendu illi gjaladarba dan il-provvediment tal-ligi procedurali jrid li l-atti ghandhom jigu notifikati sew lil kull kap ta' dipartiment tal-gvern li kontra tieghu jkun dirett sew lill-Avukat Generali, u, gjaladarba wkoll, in-notifika lil dan l-ahhar saret biss fl-10 ta' Mejju, 2003, allura jsegwi li l-appell gie introdott fit-terminu;

Hi l-fehma ta' din il-Qorti illi fis-skiet tal-ligi specjali ghar-regolamentazzjoni ta' l-atti gudizzjarji ghandhom jircievu applikabilita` d-disposizzjonijiet procedurali generali li jiddixxiplinaw dawn l-istess atti taht il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fil-kaz prezenti, allura, ukoll id-dispost ta' l-Artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12 surreferit. Jikkonsegwi illi la l-legislatur irid illi l-atti gudizzjarji (u s-sentenza arbitrali ghandha titqies ritwalment fosthom) ghandhom jigu notifikati kemm lill-kap tad-dipartiment u konguntivament lill-Avukat Generali, in-notifika ta' l-att *de quo*, kostitwit minn dik is-sentenza, ma tistax titqies perfezzjonata hlief mid-data tar-riferta li tistabilixxi meta s-sentenza tkun giet hekk ricevuta mill-Avukat Generali. F' dan il-kaz il-Qorti hi sodisfatta mid-dokument muri lill-Qorti fil-kors tad-dibattitu orali illi dik in-notifika, bil-mezz postali, effettivament saret lill-Avukat Generali fl-10 ta' Mejju 2007. L-appell ma jistax allura jitqies irritwalment propost u, konsegwentment, il-Qorti ser

tghaddi ‘l quddiem biex tikkonsidra l-meritu ta’ l-aggravji sottomessi;

L-appellanti qeghdin isostnu illi fil-kaz partikulari kien hemm zewg vjolazzjonijiet mill-Arbitri. Il-wiehed rikonducibbli ghal vjolazzjoni tal-limiti tal-kweziti devoluti lilhom mill-partijiet. L-iehor kostitwit minn vjolazzjoni tad-dritt sostanzjali in materja ta’ interessi;

F’ kazijiet ta’ din ix-xorta, u prevja, s’ intendi, l-accertament mill-Qorti li l-kwestjoni giet prospettata mill-Arbitri, jokkorri li jigu ezaminati l-kweziti deferiti lill-Arbitri ghall-konsiderazzjoni minnhom, u, fuq il-bazi ta’ l-interpretazzjoni taghhom, tidentifika l-oggett tat-talbiet u tivverifika jekk dak finalment deciz jirrientrax fl-ambitu ta’ dan l-istess oggett. Dan hu hekk necessarju ghar-raguni illi pronunzjament, allegatament *ultra compromissum*, irid jitkejjel fuq il-bazi tal-kweziti kif sottoposti;

Jidher li hu terren komuni bejn il-partijiet illi fit-“*terms of reference*” lill-panel ta’ Arbitri ma kienet inkluza ebda talba specifika ghall-interessi. Ghandu dan ifisser illi meta l-Arbitri pprovdew ghal kundanna ta’ l-imghaxijiet fid-decizjoni taghhom huma gew li esorbitaw mil-limiti ta’ dak mitlub bil-konsegwenza li kkonfigurat ruhha qaghda ta’ extra petizzjoni? Din il-Qorti ma tahsebx li dan hu hekk il-kaz. Dan kif dezunt minnha in via interpretativa mill-Artikoli 63 u 64 ta’ l-Att *de quo*, kif ukoll mis-sostenn estratt mill-gurisprudenza fuq il-materja;

Ibda biex ma jidherx li hu barra minn loku r-riljev maghmul mis-socjeta` appellata illi l-precitati disposizzonijiet tal-ligi specjali ma kienux jeskludu l-applikabilita taghhom u dik tal-fissazzjoni ta’ l-imghax mill-Arbitri - kemm ghaliex l-imghax kien hekk dekoribbli *ope legis*, kemm ghaliex, ghall-inapplikabilita` taghhom, il-partijiet htiegilhom jiftiehmu xort’ohra;

Innegabilment, l-imghaxijiet huma tip partikolari ta' obbligazzjoni pekunjarja li, ghall-accessorjeta taghhom, jinghaqdu ma' l-obbligazzjoni ta' natura kapitali. F' dan is-sens inghad fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede kummercjali, in re: "**Francis Penza -vs- John Mallia**", 20 ta' Lulju, 1994, illi "meta l-ligi stess tispecifika li l-interessi huma esigibbli *ipso jure* fil-kamp kummercjali dan ifisser li huma accessorji ghat-talba principali";

B' aktar precizazzjoni ghall-kwestjoni hawn ventilata jinsab ritenut illi "*stricto juris*" ma huwiex necessarju ghall-atturi li jaghmlu domanda *ad hoc* ghall-hlas ta' l-imghaxijiet. Dan huwa hekk ghaliex il-hlas ta' l-imghaxijiet jistghu jitqiesu wkoll bhala danni dovuti ghan-nuqqas tal-hlas tal-kapital li jkun dovut. Inoltre, il-ligi stess tahseb biex tistabilixxi d-*dies a quo*, ossija l-gurnata, minn meta l-istess imghaxijiet jibdew jghaddu." ("**Mary armla ta' George Bugeja *et* -vs- George Agius *nomine et***", Appell, 14 ta' Gunju, 1996). Isegwi minn dan illi dik il-parti tad-decizjoni ta' l-Arbitragg li akkordat l-imghaxijiet ma tistax titqies *extra petita*;

Fuq is-suggett, anke b' risposta ghat-tieni aggravju, jidher minn certa impostazzjoni gurisprudenzjali illi l-interessi jistghu jkunu ta' tliet tipi:-

(i) dawk <u>moratorji</u> dovuti b' titolu ta' rizarciment ta' danni ghad-dewmien tad-debitur fl-adempiment ta' l-obbligazzjoni [Artikolu 1141 (1), Kodici Civili kombinat ma' l-Artikolu 1130 (1) ta' l-istess Kodici];

(ii) dawk <u>korrispettivi</u> in kwantu jirrapprezentaw il-korrispettiv tat-tgawdija ta' somma determinata ta' flus oltre l-iskadenza tal-kreditu (Artikolu 1139, Kodici Civili);

(iii) dawk <u>kompensattivi</u>, imprexxindibilment minn kwalsiasi dewmien jew dak tas-semplici skadenza tad-debitu. Normalment, dawn jinghataw b' titolu ekwitattiv biex jikkompensaw lil kreditur ta' l-obbligazzjoni mit-telf tal-godiment tas-somma rizarcitorja. Il-gurisprudenza jidher li tenuncja f' dan il-kuntest illi l-interessi fuq is-

somma likwidata b' titolu ta' rizarciment tad-dannu ghandhom natura kompensativa bl-iskop li jigi evitat pregudizzju lil kreditur. F' kaz bhal dan, "il-Qorti ghandha diskrezzjoni minn meta takkordahom". Ara "**Evaristo Psaila *et* -vs- George Spiteri**", Appell Kummercjali, 12 ta' Frar, 1965;

Dan premess, jirrizulta mit-talba principali devoluta lill-Arbitri illi s-socjeta` appellata kienet qed tippretendi l-hlas ta' somma addizzjonali specifika "*or a lesser sum to be quantified in the arbitration award*". Dan ghal motiv ta' "*delay, disruption and contract overrun*". Rikjesta bhal din tinkwadra ruhha b' mod generali fid-dispost ta' l-Artikolu 1135, Kodici Civili dwar x' inhu komprensiv bhala rjus tad-danni. Danni li huma suxxettibbli li jgorru maghhom ukoll l-imghaxijiet. Dan ghaliex is-socjeta` appellata, kreditrici ta' dik is-somma minnha mitluba jew dik verjuri raggunta mill-Arbitri, kienet ukoll kreditrici *di pieno diritto* anke ghal dawk l-interessi;

Jigi osservat, imbaghad, illi dik is-somma addizzjonali ma kienetx merament qed tintalab b' rizarciment ghad-dewmien biss imma wkoll ghal kwestjonijiet korrelatati ma' interruzzjonijiet u kondizzjonijiet mhux ekonomici tax-xoghol u wkoll ghal spejjez zejda inkorsi. Dik is-somma giet mis-socjeta` appellata kkalkolata mill-inginjier taghha fis-27 ta' Ottubru, 2000, u kien allura mistenni illi l-hlas relattiv isir fl-aqsar zmien possibbli u bla dilungar zejjed. Dan ma sarx hekk, u, allura, din il-Qorti ma ssibx raguni gustifikatorja l-ghaliex ghandha tiddipartixxi mir-raguni u l-konkluzjoni ta' l-Arbitri fejn dawn hasbu ghal kundanna tal-hlas ta' l-imghaxijiet mil-jum li fih l-appellanti, debituri tas-socjeta` appellata, kellhom jaghtuha s-somma likwidata. Imghaxijiet dawn li, meta inkwadrati fit-tipologija aktar 'il fuq esposta, kellhom iservu mhux biss biex jaghmlu tajjeb ghal kull dewmien fl-ezekuzzjoni (moratorji) imma wkoll in via ekwitativa ghat-telf tal-godiment tas-somma rizarcitorja li ma thallsetx lilha minn qabel l-att formali tal-likwidazzjoni bl-Arbitragg;

Logikament, gjaladarba l-Qorti dehrilha li kellha tissofferma fuq il-mertu ta' l-aggravji lilha sottomessi, dan ghamlitu ghax, fil-fehma konsiderata taghha, l-appell kien jikkostitwixxi dak il-"punt ta' ligi" li jsemmi l-Artikolu 70A (1) ta' l-Att, kompriz ir-rekwiziti essenzjali traccjati fis-subinciz (3) ta' l-istess artikolu, u *pro tanto* kien wiehed ammissibbli.  Mill-kumplament, il-konsiderazzjonijiet kollha appena zvolti qed jigu rikonfermati.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddeciedi illi, prevja c-cahda tal-pregudizzjali ta' l-irritwalita u nullita ta' l-appell sollevata mis-socjeta` appellata, tirrespingi l-appell fiz-zewg kapi tieghu u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata.  Salv ghall-ispejjez tac-cahda tal-pregudizzjali surreferita li jibqghu a kura tas-socjeta` appellata, l-ispejjez l-ohra kollha ta' din il-procedura jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------